– DIGRIET PRECEDENTI LI CAHAD TALBA GHALL-ISFILZ TA' RISPOSTA B'ECCEZZJONIJIET –
– PERMESS SPECJALI BIEX ISEHH APPELL MINN TALI DIGRIET –
– ART. 229 TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– RISPOSTA B'ECCEZZJONIJIET KUNSIDRATA BHALA 'DOKUMENT' –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

Talba nru. **252/2020**
fl-ismijiet:

**ALBERT PULLICINO *ET***

***VERSUS***

**CARMEL *SIVE* CHARLES PULLICINO**

**Illum, it-Tlieta, 18 ta' Jannar, 2022**

It-Tribunal,

Rega' ra r-rikors imressaq mill-atturi datat 19 ta' Lulju, 2021 (*viz*. talba ghall-permess specjali biex isehh appell mid-digriet tal-15 ta' Lulju, 2021);

Rega' ra r-risposta tal-konvenut datata 29 ta' Lulju, 2021, illi permezz taghha, u ghar-ragunijiet fija artikolati, irrezista ghat-talba dedotta fl-imsemmi rikors ta' l-atturi;

Ra d-digriet Tieghu tal-15 ta' Lulju, 2021 (*a foll*. 48–50) u dak ta' l-4 t'Awwissu, 2021 (*a fol*. 56) fejn f'ta' l-ewwel it-Tribunal kien cahad it-talba ghall-isfilz tar-Risposta tal-konvenut ghar-ragunijiet espressi fih, filwaqt f'tat-tieni kien idderiega illi fl-udjenza li kienet tmiss quddiem it-Tribunal, jigu trattati l-imsemmija rikors ta' l-atturi u r-risposta tal-konvenut u li fih ukoll it-Tribunal kien ordna lill-parti attrici biex ghall-imsemmija udjenza tinfurmah fuq il-bazi ta' liema disposizzjoni partikolari tal-Ligi kienet imsejjsa t-talba kontenuta fir-rikors tad-19 ta' Lulju, 2021 stante li kien hemm karenza ta' tali tgharif.

Fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2021 gie registrat is-segwenti verbal: «*Dr. Joseph Calleja, fid-dawl ta' dak li jghid u jrid id-digriet tat-Tribunal tal-4 ta' Awwissu, 2021 (a fol. 56) jirrileva illi, filwaqt illi ma ghandux sottomissjonijiet ulterjuri xi jressaq a bazi tat-talba tieghu kif misjuba fir-rikors tad-19 ta' Lulju, 2021 (fol. 51) , l-imsemmija talba tal-parti attrici (permess ghall-appell) hi msejsa fuq l-Art. 229(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dr. Alexander Scerri Herrera, ghall-Konvenut, jirrileva illi m'ghandux aktar sottomissjonijiet x'jaghmel dwar il-prezenti materja peress illi tali sottomissjonijiet huma diga' espressi fir-risposta relattiva tad-29 ta' Lulju, 2021.*» Dakinhar il-kawza thalliet ghad-digriet li qed jinghata illum f'udjenza bil-miftuh.

It-Tribunal jikkunsidra;

Bl-episodju prezenti l-atturi qed iduru lejn it-Tribunal u jitolbuh jaghtihom permess u awtorizzazzjoni sabiex huma jintavolaw appell mid-digriet Tieghu tal-15 ta' Lulju, 2021 (*a foll.* 48–50) permezz ta' liema dan it-Tribunal kien cahad it-talba ta' l-istess atturi ghall-isfilz tar-Risposta (bl-eccezzjonijiet) tal-konvenut mill-atti processwali peress illi l-istess risposta – skond l-istess atturi – kienet tressqet tardivament. Din it-talba, biex jinghata l-imsemmi permess specjali, tressqet b'rikors datat 19 ta' Lulju, 2021 u – kif emergenti mill-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2021 – hi bazata fuq dak li jghid u jrid it-tielet sub-inciz ta' l-Art. 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-Art. 229(3) ta' l-imsemmi Kodici jaqra hekk: «*Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*»

Il-parti operattiva ta' tali disposizzjoni – ossia dik il-parti taghha li tnissel u tattiva l-mekkanizmu procedurali *de quo* sabiex provvediment partikolari jitpogga ghall-iskrutinju tal-qorti tat-tieni grad – tinsab precizament fil-parti inizjali tac-citata disposizzjoni u cioè dik il-parti fejn trid u tghid illi salv jekk provdut xort'ohra fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, appell minn kwalsiasi digriet interlokutorju jista' jsehh qabel is-sentenza definittiva, basta li tali digriet mhux annoverat jew elenkat fl-ewwel zewg sub-incizi ta' l-imsemmi Art. 229.[1]

Mela allura, l-ewwel u qabel kollox, qabel ma wiehed isib rifugju fl-Art. 229(3),[2] wiehed irid jara jekk id-digriet in dizamina huwiex digriet eskluz taht l-Art. 229(1) u l-Art. 229(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Jekk l-indoli tad-digriet li minnu jintalab permess specjali jinsab elenkat f'tali zewg sub-incizi, l-Art. 229(3) m'huwiex applikabbli. Invece, jekk l-istess digriet li minnu jintalab l-imsemmi permess ma jinsabx klassifikat jew definit f'dawn iz-zewg sub-incizi, l-Art. 229(3) isir applikabbli (dejjem salv certu cirkostanzi pekuljari u partikolari[3]) u, ghalhekk, il-parti li thossha aggravata mill-istess digriet partikolari ghandha l-fakoltà tressaq talba ghall-permess specjali skond il-modalitajiet u entro t-termini deskritti f'tali tielet sub-inciz.[4]

Madanakollu, minn ezami ta' l-Art. 229 b'mod intier (u dan fuq l-iskorta tal-precett "*ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio*"[5]), jidher illi ghad-digriet *in specie*

---

[1] Appropozitu, fis-sentenza *in re* **Paul Tanti et v. Sammy Mifsud** (Appell Superjuri, 19 ta' Novembru, 2011) inghad hekk: «*Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita.*»

[2] Illi fi kliem id-decizjoni *in re* **Mary Cassar v. Edward Cassar** (Appell Superjuri, 27 ta' Mejju, 2016) it-tielet sub-inciz ta' l-Art. 229 ghandu natura "residwali" akkonfront ta' l-ewwel zewg sub-incizi li jfassluh.

[3] Bhala ezemplari, it-Tribunal jirreferi ghall-osservazzjonijiet pertinenti misjuba fid-decizjoni *in re* **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** (Appell Superjuri, 9 ta' Lulju, 2020), partikolarment ghal *footnote* numru §3 ta' dik id-decizjoni.

[4] Ikollha tigi rilevata b'mod *obiter* l-importanza ta' l-osservanza skrupoluza tan-normi ritwali kontemplati f'tali sub-inciz hekk kif rifless fis-sentenza *in re* **Maria Azzopardi v. Joseph Calleja et** (Appell Inferjuri, 15 ta' Dicembru, 2003).

[5] Kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar miksuba (*optima interpretatio*) meta mehuda u kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha

(*viz.* digriet li cahad l-isfilz tar-Risposta bl-eccezzjonijiet tal-konvenut) il-legislatur ikkontempla tali xenarju precizament taht l-Art. 229(1), senjatament fil-paragrafu (j) tiegħu u cioè «*digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti ta' kawża … jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.*»

Kif jifhima dan it-Tribunal, ghandu jkun indiskuss illi r-Risposta tal-Konvenut f'dawn il-proceduri hija att gudizzjarju[6] li intrinsikament tikkwalifika ruhha taht id-deskrizzjoni jew definizzjoni generali ta' "dokument" specifikat fl-appena citata disposizzjoni tal-Ligi. Huwa naturali li d-dizzjoni (jew lokuzzjoni) utilizata mill-legisatur patriju meta dan jitkellem dwar "*sfilz ta' dokument mill-atti ta' kawża*", kif misjub fl-Art. 229(1)(j), hi mahsuba biex thaddan u tinkorpora fiha kull dokument gudizzjarju li jaghmel, jikkomponi u jikkrea l-atti processwali tal-kawza. Risposta bl-eccezzjonijiet hija "dokument" ghall-finijiet tal-Ligi, illi jaghmel, jikkomponi u jikkrea l-atti processwali tal-kawza.

Ghalhekk, id-digriet ta' dan it-Tribunal emess fil-15 ta' Lulju, 2021, illi permezz tieghu irrigetta t-talba ta' l-atturi ghall-isfilz tar-Risposta tal-Konvenut mill-atti ta' din il-kawza, huwa digriet interlokutorju li jista' jigi solament appellat wara s-sentenza definittiva u flimkien ma' appell mill-istess sentenza u dan precizament ghax l-istess forma ta' digriet huwa esplicitament kontemplat taht l-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – li, konsegwentement, jaghmel l-Art. 229(3) inapplikabbli f'tali cirkostanza.

**Ghaldaqstant**, ghall-motivi espressi u mfissra fil-prezenti digriet, it-Tribunal qed jichad it-talba ta' l-atturi mressqa minnhom bir-rikors tad-19 ta' Lulju, 2021 u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Kwalsiasi spejjez marbuta mal-prezenti episodju, huma rizervati ghall-gudizzju finali.

Kopja ta' dan id-digriet ghandha tigi mmedjatament komunikata lid-difensur ta' l-atturi u lid-difensur tal-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

(*consequentibus*). Kif rakkjuz fil-gurisprudenza domestika, "*per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidere dietro uno dei suoi precetti*" (**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et**, Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, il-kliem m'ghandux jittiehed singolarment u/jew *in vacuo*. Id-disposizzjoni m'ghandiex tinqara u tigi nterpretata *in lontananza* mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjaha stante li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Ara wkoll *in re* **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) u *in re* **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

[6] Skond il-L.S. nru. 12.12 intitolata "*Regoli dwar in-notifika ta' atti gudizzjarji bil-posta*"), «att gudizzjarju» jfisser "*kull att jew skrittura prezentata fir-registru.*" Fis-sentenza *in re* **Carmelo Cauchi vs. Joseph Camilleri** (Prim'Awla, 14 ta' Gunju, 1955) inqtal illi "*B'att gudizzjarju jifthiem skond il-ligi dak l-att li jigi prezentat fir-Registru tal-Qorti u li jigi notifikat lid-debitur permezz tal-Qorti.*" Ara wkoll, ghal dak li jiswa, is-sentenza *in re* **Carmelo Vella vs. Noel Vella et** (Prim'Awla, 10 ta' Dicembru, 2009).